

# 350 SENA ILU

## tressqet l-ewwel petizzjoni għat-twaqqif tal-Parroċċa tal-Għarb

**Joseph Bezzina**

**L-iskrizzjoni tal-Kappillani u l-Arċiprieti tal-Għarb**
Il-virtù ta' radd il-ħajr hi waħda rari ħafna. Ir-radd il-ħajr hi turija ta' gratitudni bil-kliem jew b'sinjal ieħor estern lejn min ikun għinek, ħadem għalik, jew għamillek xi pjaċir. Min jaf kemm-il darba ġara f'ħajjitna li b'xi mod jew ieħor tkun għint lil xi ħadd u dan lanqas jiddenja ruħu jgħidlek grazzi. M'hemmx dubju li l-kappillani u l-arċiprieti tal-parroċċa huma fost dawk li tant għamlu ġid fir-raħal fejn kienu jinsabu, kemm b'mod komunitarju, kif ukoll ma' individwi. Imma jiġri ħafna drabi li nqisu li kollox ma hu xejn, u qajla nuru l-gratitudni tagħna.

**1 • Il-fond *Collocationes Beneficia***
Kien dan il-ħsieb li qanqalni xi tletin sena ilu ħalli nibda nagħmel riċerka fil-fond fuq il-kappillani u l-arċiprieti ta' Għawdex kollu. Din ir-riċerka ma kinitx ħaġa faċli. Peress li, sas-sena 1864, Għawdex kien parti mid-djoċesi ta' Malta, id-dokumentazzjoni kollha tinsab miġbura Malta u dan ifisser li r-riċerka riedet issir Malta.

Fl-AAM, l-Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, hemm sezzjoni msejħa *Collocationes Beneficia*, l-għoti ta' kull xorta ta' benefizzji u patrimonji sagri fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex. Hu f'dan il-fond arkivistiku li jibda mis-seklu sittax u li jikkonsisti f'iktar minn mija u għoxrin volum, li wieħed isib id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-ħatriet tal-arċiprieti u l-kappillani.

L-ewwel frott tar-riċerka tiegħi kienet lista tal-arċiprieti tal-Matriċi u Katidral ta' Għawdex. Din il-lista setgħet tmur lura lejn nofs is-seklu ħmistax minħabba dokumenti oħra mxerrda 'l hawn u 'l hinn fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina u fl-Arkivju Vatikan. B'riżultat ta' din ir-riċerka, ġewwa l-Katidral twaħħlet skrizzjoni bl-arċiprieti li tibda lejn is-sena 1445. Hi aktarx l-iktar lista kompluta u, ċertament, l-iktar waħda li tmur lura ta' arċiprieti – mhux biss hawn Għawdex, iżda Malta wkoll.

Kienet propju din l-iskrizzjoni li spirat lill-arċipriet Joseph Sultana biex nagħmillu riċerka għal skrizzjoni simili fil-parroċċa tal-Għarb. Iżda meta qalli kont qiegħed nikkonkludi studju profond fuq l-istorja tal-Katidral (li se jiġi ppubblikat fl-1 ta' Awwissu 2017) u ma kellix ħin. Sadanittant, it-tmexxija tal-parroċċa tal-Għarb inbidlet, iżda l-arċipriet Trevor Sultana qalli li anki hu xtaq li r-riċerka ssir.

**2 • 350 sena mill-petizzjoni għat-twaqqif tal-parroċċa tal-Għarb**
Fis-sena 1667, tliet mija u ħamsin sena ilu preċiż, il-popolazzjoni tal-Għarb kienet ta' 324 persuna li kienu joqogħdu f'73 dar. Ma' dawn wieħed jista' jżid 53 persuna oħra f'għaxart idjar li kienu joqogħdu f'Ta' Ċangura, l-isem oriġinali tar-raħal li llum jismu San Lawrenz u li dik il-ħabta kien meqjus bħala parti mill-Għarb. B'kollox jiġu 377 persuna f'83 familja.

Sal-bidu tas-seklu sbatax, minħabba raġunijiet ta' sigurtà, il-maġġuranza tan-nies kienu joqogħdu jew fil-Belt, illum imsejħa ċ-Ċittadella, jew inkella fis-subborg tagħha, ir-Rabat. B'hekk f'każ ta' attakk mill-għedewwa jew mill-pirati setgħu jsibu kenn 'il ġewwa mis-swar f'qasir żmien. Bil-qajla il-qajla, is-sitwazzjoni tjiebet u n-nies bdew jitferrxu fil-kampanja Għawdxija. Sas-sena 1667, meta sar ċensiment importanti Għawdex, 2373 jew 56.9% tal-Għawdxin kienu għamlu l-għamara tagħhom fil-kampanja. Skont digriet tal-Isqof Baldassare Cagliares tas-sena 1623, dawn in-nies kollha kienu jagħmlu parti mill-parroċċa tal-Matriċi.

Nhar is-6 ta' Ġunju 1667, Lucas Buenos, l-isqof ta' Malta u Għawdex fetaħ vista pastorali fil-Knisja Matriċi ta' Santa Marija. Imbagħad kompla jżur l-inħawi abitati ta' Għawdex. Għamel ukoll żjara l-Għarb. Kif kien hemm, ħames kapijiet ta' familji minn dawk l-inħawi, resqulu rikors li jiftaħ b'dawn il-kelmiet:

*Giacomo Cuscheri, Marcello Cassar, Gaetano Cauchi, Laurenzo Spiteri, u Thomaso Debrincat et altri habitanti nella contrada tal Garbo, humilissimi servi e subditi di Sua Illustrissima et Reverendissima, a quella supplicando e pongano...*

Giacomo Cuscheri, Marcello Cassar, Gaetano Cauchi, Laurenzo Spiteri, u Thomaso Debrincat ma' oħrajn li joqogħdu fil-kontrada tal-Għarb, servi umli u sudditi tal-Eċċelenza Tiegħu, jixtiequ jitolbuh u jgħarfuh...

Ir-rikors hu miżmum mar-rapport tal-vista pastorali ta' dik is-sena fl-Arkivju Veskovili ta' Għawdex (ara AEG, VP [1667] 29r-v). Meta bdejt nieħu ħsieb l-arkivju kont irrestawrajt dan ir-rapport, għax kieku llum spiċċa.



Kopja tar-Rikors

Il-ħames persuni bdew billi għarrfuh li fil-kontrada kien hemm joqogħdu mat-tliet mitt ruħ bejn żgħar u kbar – miċ-ċensiment nafu li filfatt kien hemm kważi erba' mija. Għarrfuh ukoll li f'dik il-kontrada kien hemm knisja ddedikata lil San Lawrenz, knisja li kellha kulma kien meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u li nies tal-inħawi kienu kollha jiffrekwentaw din il-knisja. Ta' min ifakkar hawn li tliet mija u ħamsin sena ilu, l-Għarb tal-lum ma kienx jeżisti. In-nies tal-kontrada kienu joqogħdu fl-inħawi ta' Birbuba u ta' Santu Pietru u għalhekk eqreb lejn Ta' Ċangura.

Komplew jitkellmu fuq il-qagħda tan-nies. Qalulu li n-nies tal-ħara tagħhom huma *poverissimi*, fqar ħafna. Ħafna min-nisa *non hanno con che coprirsi*, ma kellhomx x'jilbsu, biex ikunu jistgħu jmorru l-Matriċi ħalli jisimgħu l-quddies u jtemmu l-preċetti l-oħra tal-Knisja. Hawn qishom riedu jifhmu li ma kellhomx għonnella, li n-nisa ta' dak iż-żmien kienu jużaw biex imorru l-knisja. Barra dan, kien hemm il-problema tal-bogħod u magħha l-fatt ta' *le cattive strade*, ta' triqat li qajla kienu tajbin, u li fix-xitwa kważi bilkemm stajt tgħaddi minnhom (AEG, VP [1667] 28r). Iżda kien hemm problema iktar gravi minn dawn. Ġara kemm-il darba li huma u ġejjin lura mill-Matriċi, nies mhux magħrufa kienu ttantaw lil dawn in-nisa.

Nafu mill-istess vista li din il-problema kienu nnutawha wkoll xi patrijiet Ġiżwiti u Dumnikani matul missjoni popolari li kienet saret Għawdex bi tħejjija għal din il-vista. Dawn kienu saħansitra ġibdu l-attenzjoni tal-arċipriet tal-Matriċi dwar din il-problema (AEG, VP [1667] 21v).

Il-ħames persuni għalqu t-talba tagħhom billi talbu lill-Isqof ħalli l-arċipriet tal-Matriċi jipprovdilhom qassis li jkun jista' jqaddsilhom almenu nhar ta' Ħadd fil-knisja ta' San Lawrenz. L-Isqof Buenos talab lill-arċipriet ĠannAnton Camilleri tal-Matriċi (1655-1679) ħalli jagħmel ħiltu kollha biex jilqa' t-talba tagħhom (AEG, VP [1667] 29r-v). Kien l-ewwel pass biex eventwalment titwaqqaf parroċċa fl-inħawi.

## 3 • 29 ta' Awwissu 1679 – L-Għarb jitwaqqaf Parroċċa

Il-ħtieġa ta' din il-parroċċa ħareġet ċara matul il-vista pastorali li għamel Għawdex, Mikiel-Ġlormu Molina, isqof ta' Malta u Għawdex, fis-sena 1678. Din il-vista, bħall-oħrajn, infetħet fil-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija nhar l-20 ta' Novembru 1678. Meta żar il-kontrada tal-Għarb, l-Isqof fehem li l-popolazzjoni kibret biżżejjed li ssir parroċċa.

Nhar id-29 ta' Awwissu 1679, tnax-il sena wara l-petizzjoni msemmija fuq, l-Isqof Mikiel-Ġlormu Molina ppromulga d-digriet *Habita matura consideratione* li permezz tiegħu waqqaf il-kontrada tal-Għarb mal-inħawi Ta' Ċangura f'parroċċa għal rasha (ACM-Arkivju tal-Katidral ta' Malta, *Misc*, 11, 229r-v).

L-Isqof għażel il-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Madonna (taż-Żejt) bħala knisja parrokkjali temporanja. Ftit jiem wara, l-Isqof Molina ħatar l-ewwel kappillan u talbu ħalli mill-iktar fis jibda jaħseb ħalli jibni knisja ikbar. Għaldaqstant ir-riċerki dwar il-kappillani u l-arċiprieti tal-Għarb riedet tibda mis-sena 1679 'il quddiem. Il-frott tar-riċerka hi l-lista sħiħa tal-kappillani u l-arċiprieti li qed titwaħħal fil-Knisja Parrokkjali.

## 4 • L-iskrizzjoni tal-kappillani u l-arċiprieti tal-Għarb

Nagħti għalhekk spjega fil-qosor biex wieħed jifhem aħjar din l-iskrizzjoni riprodotta wkoll hawnhekk.

**PAROCHI ATQUE ARCHIPRESBYTERI ECCLESIAE PAROECIALIS ET COLLEGIATAE GARBENSIS INSULAE GAULI CONDITA 29 AUGUSTI 1679**

| | ELECTUS | | USQUE AD |
|---|---|---|---|
| JO-MARIA CAMILLERI | 11 SEP 1679 | R | 13 AUG 1712 |
| JOSEPH HASAC | 10 DEC 1712 | + | 12 JAN 1761 |
| LAURENTIUS HASAC | CFS 21 OCT 1757 | R | 5 DEC 1791 |
| JOANNES XUEREB | CFS 3 SEP 1791 | R | 28 APR 1806 |
| PUBLIUS REFALO | 9 DEC 1806 | R | 19 MAR 1844 |
| SALVATOR MIZZI | 19 NOV 1844 | + | 1 MAI 1862 |
| DEMETRIUS GALEA | 22 AUG 1862 | + | 30 NOV 1866 |
| FELIX REFALO | 15 FEB 1867 | T | 12 JUL 1868 |
| FRAN-SAV. DEBRINCAT | 21 DEC 1868 | + | 27 JUN 1913 |
| CARMELUS PORTELLI | 11 NOV 1913 | + | 30 JUN 1956 |
| MICHAEL PORTELLI | CFS 21 JUN 1949 | T | 29 JAN 1951 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| JOSEPH BORG | CFS 3 APR 1951 | R | 2 JUN 1984 |
| ANTONIUS SALIBA | 4 JUN 1984 | R | 28 MAR 1999 |
| CARMELUS GAUCI | 19 APR 1999 | R | 8 OCT 2010 |
| JOSEPH SULTANA | 8 OCT 2010 | T | 4 NOV 2016 |
| TREVOR SULTANA | 4 NOV 2016 | | |

L-iskrizzjoni fiha erba' kolonni: l-**ewwel**, l-isem tal-kappillan jew arċipriet; it-**tieni**, id-data tal-ħatra, xi drabi bl-ittri CFS qabel id-data, spejgata iktar 'l isfel; it-**tielet**, nota mqassra ta' kif spiċċa; u r-**rabà**, id-data ta' meta spiċċa. Nispjega f'iktar dettall:

L-**ewwel** kolonna fiha l-isem tal-kappillan jew arċipriet miktub bil-Latin, għax id-Digriet tal-ħatra kien ikun miktub bil-Latin u kien jixraq li nimxu mal-oriġinal. Il-kunjom hu miktub kif kien jinkiteb fiż-żmien li fih laħqu. It-**tieni** kolonna hi d-data tal-ħatra; din hi meħuda mid-Digriet. Il-Liġi Kanonika, jiġifieri l-liġi tal-Knisja, tirrikonoxxi bħala d-data tal-ħatra dik li tidher fid-digriet tal-ħatra, u mhux dik ta' meta l-kappillan beda effettivament jaħdem fil-parroċċa, u lanqas meta ħa l-pussess. Kemm-il darba ġara li nies inkompetenti u bla għarfien tajjeb tal-fatti niżżlu dati bl-addoċċ f'kitbiet u anki fi skrizzjonijiet fuq l-irħam. F'parroċċa hawn Għawdex, teżisti skrizzjoni miżgħuda bi żbalji ta' din ix-xorta. Id-data tad-Digriet tgħodd ukoll meta kappillan jinħatar CFS – *cum futura successione*. Dan jiġri meta jinħatar kappillan ta' parroċċa meta l-kappillan ta' qabel ikun għadu ħaj, iżda li aktarx mħabba raġuni ta' saħħa ma jkunx jista' jaqdi l-missjoni tiegħu. Minn wara l-Konċilju Vatikan II, ħatriet ta' din ix-xorta m'għadhomx isiru. Jekk ma jkunx għadu f'siktu, il-kappillan ikollu jirriżenja, iżda jżomm it-titlu ta' *kappillan emeritu*. Dan tal-aħħar mhux titlu awtomatiku, iżda jrid ikun rikonoxxut bħala tali mill-Isqof Djoċesan.

It-**tielet** kolonna hi tagħrifa dwar kif spiċċa l-kappillan. Hemm tliet possibilitajiet. *Erre* **(R)** tfisser li l-kappillan irriżenja mill-uffiċju minħabba saħħa jew raġuni oħra. Salib **(+)** ifisser li l-kappillan miet fl-uffiċċju, jiġifieri, meta miet kien għadu jservi ta' kappillan. Il-kelma *Te* **(T)** tfisser li l-kappillan kien trasferit mill-parroċċa tal-Għarb għal parroċċa oħra.

Ir-**raba'** kolonna hi d-data ta' meta l-kappillan irriżenja, kien trasferit, jew miet skont il-każ.

**5 • Ħjiel ta' tagħrif storiku**

Il-parroċċa tal-Għarb kellha s'issa **sittax** bejn kappillani u arċiprieti. Minn dawn *ħamsa* mietu fil-kariga; *sebgħa* rriżenjaw mill-kariga; *tlieta* kienu trasferiti mill-Għarb għall-parroċċa oħra; u *wieħed* għadu kif laħaq issa.

Minn dawn is-**sittax**, *erbgħa* kienu mill-parroċċa tal-Matriċi/Katidral: Giovanni-Marija Camilleri, Pupulju Refalo, Salvatore Mizzi, u Felice Refalo; *ħamsa* mill-parroċċa tal-Għarb stess: Giuseppe Hasac, Lorenzo Hasac, Mitri Galea, Francesco-Saverio Debrincat, u Carmelo Portelli; *wieħed* kien minn Birkirkara: Giovanni Xuereb; *wieħed* min-Nadur: Mikiel Portelli; *wieħed* mit-Triq tal-Għajn: Ġużeppi Borg; *tnejn* minn Ta' Sannat: Anton Saliba u Carmelo Gauci; *wieħed* mix-Xagħra: Joseph Sultana; u *wieħed* mix-Xewkija: Trevor Sultana.

**Tliet** kurżitajiet oħra: *Wieħed* mill-kappillani miet assassinat. Dun Gannmarija Camilleri elett b'digriet tal-11 ta' Settembru 1679 kien dak li talab u qala' mingħand il-Granmastru Ramon Perellos ir-raba' Ta' Nawrata biex jibni knisja ġdida. Fis-sena 1712, irriżenja minn kappillan u laħaq kanonku tal-Matrici. Fl-istorja ta' Għawdex hu magħruf ħafna għall-fundazzjoni tal-Isptar San Ġwann Battista. Kien assassinat f'daru fiċ-Ċittadella (fejn illum hemm il-Mużew tal-Arkeoloġija) mas-seftura Tereża Azzopardi, nhar it-30 ta' Awwissu 1723.

*Tnejn* mill-arċiprieti tal-Għarb kienu trasferiti mill-Għarb għall-arċipretura tal-Katidral: Felice Refalo u Joseph Sultana. *Wieħed*, Mikiel Portelli, elett b'suċċessjoni futura ħadem l-Għarb mingħajr ma laħaq qatt tal-fiss għax kien trasferit lejn in-Nadur qabel iż-żmien.

Ilkoll kemm huma ħadmu biex iġibu 'l quddiem il-parroċċa.

Autoclin Services®
Mechanical Repairs • 24hr Towing Service
Panel Beating & Spray Painting • Insurance Approved
AST 24/7 Road Assistance
Masri Street, Xaghra, Gozo - Malta
Tel: 21552599 • Mob: 99428296, 99552599
Email: info@autoclin.com.mt • Web: www.autoclin.com.mt